# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 545/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

**Julien Jean Joseph Simon Thevenin**

iben mhux maghruf, imwieled Franza, fit-13 ta’ Jannar, 1981, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 61605(A)

Illum, 13 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Julien Jean Joseph Simon Thevenin quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-10 ta' April 2013 ghal habta ta' 23.45 Hrs fi Triq it-Torri, Sliema.

(1) Saq mutur bin-numru tar-registrazzjoni EBO 693
b'manjiera traskurata;

(2)  Saq mutur bin-numru tar-registrazzjoni EBO 693
b'manjiera perikoluza;

(3)  Saq mutur bin-numru tar-registrazzjoni EBO 693
b'uelocita eccessiva;

(4)  Saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta' l-imsemmi mutur bin-numru tar-registrazzjoni EBO 693 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(5)  Gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema irrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs meta kont mitlub li taghmel hekk skont il-ligi;

(6)  Naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu mill-Pulizija, cioe' PS 1354 C.Coppola, waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan qhal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta’ Novembru, 2013 fejn il-Qorti lliberat lill-imputat mill-Ewwel, mit-Tieni u mill-Hames akkuza izda sabitu hati fuq it-Tielet, ir-Raba' u is-Sitt imputazzjonijiet, u ikkundanatu ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' €1,200 kif ukoll sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' 6 xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Julien Jean Joseph Simon Thevenin ipprezentat fil-5 ta’ Dicembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma l-liberatorja tal-Ewwel, tat-Tieni u tal-Hames imputazzjonjiet, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fir-rigward tat-Tielet, Raba' u Sitt imputazzjonijet billi tilliberah minnhom it-tlieta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi non cioe' li r-rizultat tal-breathilzer test ghal darba darbtejn manifestament [li ma kienx hemm *"insufficent volume", "no breathing flow detected", "analysis discontinued"* kif ukoll *"blowing too softly"]* ma kienx konklussiv, l-ebda prova ma ngabet kontra l-esponenti dwar speed eccessiv, u li l-esponenti ma kienx haseb li l-vettura tal-pulizija li kienet qed issegwi warajh, kienet appuntu qedha issegwi lilu u dunque kienx waqaf hesrem b'xi intenzjoni li jahrab mill-vettura tal-pulizija izda l-esponenti baqa' sejjer lejn l-ghassa tal-pulizija ta' Ta' Sliema minn rajh, li fil-fehma umli tal-esponenti, l-Ewwel Qorti ma kellhix issibu hati izda ghal kellha tilliberah partikolarment in vista tac-cirkostanzi prevalenti hekk kif spjegati.

Fil-fehma tal-esponenti l-Onorabbli Qorti ta' l-Ewwel istanza ma kellha qatt issib htija kontra tieghu fuq it-Tielet, ir-Raba' u is-Sitt imputazzjonijiet u dan stante li ma ngabitx prova jekk effettivament kienx qieghed isuq bi speed eccessiv, ir-rizultati tal-breathilizer test kienu inkonklussivi u di piu', l-esponenti ma kienx konxju li kien hemm xi ordni da parti tal-pulizija li kienu qed isegwuh fil-vettura taghhom kif gie spiegat aktar 'il fuq.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u l-unici provi li hemm huma l-affidavit ta' PS1354 Claudio Coppola, l-okkorenza tal-kaz u ir-rapport tal-breathyliser test.

Illi skont il-provi dan l-ahhar test hu wiehed inkonklusiv u il-fatt li s-surgent zamm riha ta' xorb mhux bizzejjed biex tigi radikata responsabilita' penali. Il-htiega ta' test oggettiv hu necessarju ghal dan il-ghan.

Illi dwar l-akkuza li l-appellant kien qed isuq bi speed eccessiv, hawnhekk ghandna d-dikjarazzjoni tas-surgent.  Hu jghid li saq ghal warajh izda l-appellant saq b'aktar velocita'. Kienet tkun haga differenti kieku s-surgent qal b'liema velocita' kienet ghaddejja l-vettura tas-servizz.  Din l-informazzjoni hi nieqsa u ghalhekk ir-responsabilita' penali ma tistax tistrieh fuq dak li s-surgent haseb dwar il-velocita'.

Illi dwar l-ahhar akkuza fejn l-appellant naqas li jobdi l-ordni legittima tal-pulizija din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li fil-fatt l-appellant sema' l-hoss tal-horn tal-pulizija izda ddecida li jitlaq.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-ewwel, it-tieni u il-hames akkuza migjuba kontra tieghu. Tilqa l-appell ta' Julien Jean-Joseph Simon Thevinin dwar it-tielet u ir-raba' akkuza migjuba kontra tieghu.  Thassar u tirevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.  Tichad l-appell dwar is-sitt akkuza migjuba kontra l-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata.  Dwar il-piena.  Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' multa ta' hamsin euro (€50).